

32006R0465

L 83/6

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

22.3.2006

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 465/2006

tal-21 ta' Marzu 2006

li jagħlaq investigazzjoni rigward il-possibbiltà li ġew evitati miżuri anti-dumping imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 408/2002 dwar l-importazzjoni ta' ċerti ossidi taż-żingu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'importazzjoni ta' ċerti ossidi taż-żingu kkunsinnati mill-Każakistan, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Każakistan kemm jekk mhux, u li jwaqqaf ir-reġistrazzjoni ta' importazzjonijiet simili imposti bir-Regolament (KE) Nru 1289/2005

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 384/96 tat-22 ta' Diċembru 1995 dwar il-protezzjoni kontra l-importazzjonijiet li huma l-oġġett ta' *dumping* minn pajjiżi mhux membri tal-Komunità Ewropea ⁽¹⁾ ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikulari l-Artikolu 13 tiegħu,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv,

Billi:

A. PROĊEDURA

1. Miżuri eżistenti u investigazzjonijiet preċedenti

- (1) Bir-Regolament (KE) Nru 408/2002 ⁽²⁾ ("ir-Regolament oriġinali"), il-Kunsill impona dazji definittivi *anti-dumping* b'firxa ta' 6.9 % sa 28 % fuq importazzjonijiet ta' l-ossidu taż-żingu b'purità ta' mhux anqas minn 93 % ("ossidi taż-żingu") li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina ("ir-RPĊ").
- (2) Bir-Regolament (KE) Nru 1623/2003 ⁽³⁾ ("ir-Regolament kontra l-evazzjoni"), il-Kunsill estenda d-dazju *anti-dumping* ta' 28 % impost fuq importazzjonijiet ta' l-ossidu taż-żingu li joriġina mill-RPĊ fuq importazzjonijiet ta' l-ossidu taż-żingu kkunsinnati mill-Vjetnam, kemm jekk dikjarati li joriġinaw mill-Vjetnam kif ukoll jekk le, u għall-ossidju taż-żingu ppreżentat imħallat mas-*silica* li joriġina mir-RPĊ.

2. Rikjesta

- (3) Fit-27 ta' Ġunju 2005, il-Kummissjoni rċeviet rikjesta skond l-Artikolu 13(3) tar-Regolament bażiku biex tinvestiga l-allegata evazzjoni tal-miżuri *anti-dumping* imposti fuq l-importazzjonijiet ta' l-ossidi taż-żingu li joriġinaw mir-RPĊ. It-talba kienet sottomessa mill-Eurometaux fisem il-produtturi li jirrappreżentaw aktar minn 45 % tal-produzzjoni tal-Komunità ta' l-ossidi taż-żingu.

⁽¹⁾ ĠU L 56, 6.3.1996, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2117/2005 (ĠU L 340, 23.12.2005, p. 17).

⁽²⁾ ĠU L 62, 5.3.2002, p. 7.

⁽³⁾ ĠU L 232, 18.9.2003, p. 1.

- (4) Ir-rikjesta kien fiha evidenza *prima facie* li turi li kienet saret bidla fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ wara l-impożizzjoni tal-miżuri *anti-dumping* fuq l-importazzjonijiet ta' l-ossidi taż-żingu li joriġinaw fir-RPĊ, kif muri minn żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet ta' l-istess prodott mill-Każakistan filwaqt li l-importazzjoni mir-RPĊ naqsu b'mod sostanzjali fl-istess perjodu.

- (5) Din il-bidla fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ kienet allegata li nħolqot mit-trasbord ta' l-ossidi taż-żingu li oriġinaw fir-RPĊ vija l-Każakistan. Kien ukoll allegat li ma kienx hemm kawża adegwata suffiċjenti jew ġustifikazzjoni ekonomika għal dawn il-bidliet għajr l-eżistenza tad-dazji *anti-dumping* fuq l-ossidi taż-żingu li joriġinaw mir-RPĊ.

- (6) Finalment, l-applikant allega li l-effetti rimedjali tad-dazji *anti-dumping* eżistenti fuq l-ossidi taż-żingu li joriġinaw fir-RPĊ kienu qed ikunu mminati kemm f'termini ta' kwantitajiet u prezzijiet u li d-dampjar kien qed iseħħ b'konnessjoni mal-valuri normali li kienu stabbiliti minn qabel għall-ossidi taż-żingu li joriġinaw fir-RPĊ.

3. Inizjazzjoni

- (7) Il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni bir-Regolament (KE) Nru 1289/2005 ⁽⁴⁾ ("ir-Regolament inizjatur") dwar l-allegata evazzjoni u, skond l-Artikoli 13(3) u 14(5) tar-Regolament bażiku, diretti lill-awtoritajiet tad-dwana biex jirreġistraw importazzjonijiet ta' l-ossidi taż-żingu li jaslu mill-Każakistan, kemm jekk iddikjarati li jaslu mill-Każakistan kif ukoll jekk le li jaqgħu taħt il-kodiċi NM 2817 00 00 (Kodiċi Taric 2817 00 00 13), mis-6 ta' Awissu 2005.

4. Investigazzjoni

- (8) Il-Kummissjoni tat parir lill-awtoritajiet tar-RPĊ u l-Każakistan dwar il-bidu ta' l-investigazzjoni. Kwestjonarji kienu mibgħuta lill-produtturi/esportaturi fir-RPĊ u l-Każakistan kif ukoll lill-importaturi fil-Komunità msemmjia fir-rikjesta jew magħrufa lill-Kummissjoni mill-investigazzjoni oriġinali. Il-partijiet interessati nġhataw l-opportunità li jressqu l-opinjonijiet tagħhom bil-miktub u li jitolbu smiġh fiż-żmien stipulat fir-Regolament inizjatur.

⁽⁴⁾ ĠU L 204, tat-5.8.2005, p. 7.

(9) Produttur/esportatur wieħed fir-RPĊ u produttur/esportatur fil-Każakistan isottomettew tweġiba sħiħa għall-kwestjonarju. Tweġibiet sħaħ għall-kwestjonarji ġew sottomessi wkoll minn żewġ importaturi/negozjanti fil-Komunità. Il-Kummissjoni għamlet żjarat ta' verifikazzjoni fil-bini tal-kumpanija li ġejja:

Produttur/esportatur mill-Kazakh

— JSC Kazzinc, Ust-Kamenogorsk, Kazakistan.

5. Perjodu ta' investigazzjoni

(10) Il-perjodu ta' investigazzjoni kopert mill-perjodu li jibda mill-1 ta' Lulju 2004 sat-30 ta' Ġunju 2005 ("il-PI"). Id-*data* nġabret mill-2001 sa l-aħħar tal-PI biex tkun investigata l-akkuża allegata fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ.

B. IR-RIŻULTATI TA' L-INVESTIGAZZJONI

1. Kunsiderazzjonijiet ġenerali/livell ta' kooperazzjoni

(a) *Ir-RPĊ*

(11) Produttur/esportatur wieħed ta' l-ossidi taż-żingu fir-RPĊ kkoopera fl-investigazzjoni billi sottometta tweġiba għall-kwestjonarju. Instab li din il-kumpanija ma esportax ossidi taż-żingu għall-Każakistan matul il-PI.

(b) *Il-Każakistan*

(12) Produttur fil-Każakistan ta' l-ossidi taż-żingu, il-JSC Kazzine, ikkoopera fl-investigazzjoni. L-informazzjoni sottomessa mill-kumpanija dwar il-bejgħ ta' esportazzjonijiet lill-Komunità tista' tiġi rrikonċiljata ma' l-importazzjonijiet irreġistrati taħt il-kodiċi NM 2817 00 00 mill-Każakistan matul il-PI, kif rappurtati mill-Eurostat, sabiex juru li JSC Kazzinc kienet l-uniku esportatur għall-Komunità ta' l-ossidi taż-żingu mill-Każakistan matul il-PI.

2. Prodott ikkonċernat u prodott li jixxiebah

(13) Il-prodott ikkonċernat bl-evazzjoni possibbli huwa, kif definit fl-investigazzjoni oriġinali, ossidu taż-żingu (formula kimika: ZnO) b'purità ta' mhux anqas minn 93 % ta' l-ossidu taż-żingu li joriġina mir-RPĊ, bħalissa klassifikabbli taħt il-kodiċi tan-NM 2817 00 00.

(14) L-investigazzjoni wriet li l-prodott ikkonċernat huwa importat fil-Komunità b'purità ta' mhux anqas minn 93 % ta' l-ossidu taż-żingu. L-ossidi taż-żingu li joriġinaw mill-Każakistan għandhom purità ta' aktar minn 93 % ossidu taż-żingu.

(15) Għalhekk ġie konkluż li l-ossidi taż-żingu esportati lill-Komunità mir-RPĊ u mbagħad ikkunsinnati mill-Każakistan għandhom l-istess karatteristiki fiżiċi u kimiċi u għandhom l-istess użi. Għalhekk għandhom jitqiesu bħala prodotti simili fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 1(4) tar-Regolament bażiku.

3. Bidla fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ

(16) Kif dikjarat fil-premessa (5) hawn fuq, din il-bidla fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ kienet allegata li nħolqot mit-trasbord ta' l-ossidi taż-żingu vija l-Każakistan.

(a) *Ossidi taż-żingu kkunsinnati mill-Każakistan*

(17) Skond *data* tal-Eurostat, l-importazzjonijiet ta' l-ossidi taż-żingu mill-Każakistan żdiedu minn 0 tonnelli fl-2001 għal 2 700 tonnelli fl-2002. Fl-2003, dawn l-importazzjonijiet żdiedu aktar għal 5 000 tonnelli u fit-tmiem tal-PI kien żdiedu għal 5 640 tonnelli. L-importazzjonijiet ta' l-ossidi taż-żingu mill-Każakistan fil-fatt bdew fl-2002, u għalhekk fl-istess żmien ta' l-impożizzjoni ta' dazju *anti-dumping* definittiv fuq ossidi taż-żingu li joriġinaw mir-RPĊ. Aktar minn hekk, iż-żieda sostanzjali addizzjonali fis-snin 2003 sat-tmiem tal-PI kkoindiet ma' l-estensjoni tad-dazji *anti-dumping* fuq importazzjonijiet ta' l-ossidi taż-żingu kkunsinnati mill-Vjetnam.

(18) Kif spjegat hawn fuq fil-premessa (12), id-*data* sottomessa mill-kumpanija li kkooperat il-JSC Kazzine turi li hija kiener l-esportatur uniku ta' l-ossidi taż-żingu mill-Każakistan matul il-PI.

(b) *Ossidi taż-żingu impurtati mill-PRC*

(19) L-importazzjonijiet fil-Komunità ta' l-ossidi taż-żingu mill-RPĊ naqsmu b'mod sostanzjali minn 37 900 tonnelli fl-2001 għal 24 700 tonnelli fl-2002. Matul il-PI l-importazzjonijiet ammontaw għal 18 500 tonnelli. Dan juri tnaqqis kbir ta' l-importazzjonijiet mir-RPĊ seħħ wara l-bidu ta' l-investigazzjoni *anti-dumping* oriġinali u l-impożizzjoni ta' miżuri definittivi.

(20) Mill-figuri t'hawn fuq, wieħed jista' jikkonkludi li kien hemm bidla ċara fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ li tinvolvi esportazzjonijiet mir-RPĊ u l-Każakistan lill-Komunità, li kkonċidiet mad-dħul fis-seħħ tal-miżuri *anti-dumping* definittivi fuq l-importazzjonijiet tal-prodott ikkonċernat li joriġina mir-RPĊ f'Marzu 2002 u bl-estensjoni ta' dazji simili ta' importazzjonijiet ta' l-ossidi taż-żingu kkunsinnati mill-Vjetnam fis-sena 2003.

4. Kawża adegwata insuffiċjenti jew ġustifikazzjoni ekonomika

- (21) JSC Kazzinc bdiet tipproduċi u tesporta l-ossidi taż-żingu qabel is-sena 2000, għalkemm ebda esportazzjonijiet ta' dan il-prodott ma' ntbagħtu lill-Komunità. L-importazzjonijiet ta' l-ossidi taż-żingu lill-Komunità bdew fl-2002, u għalhekk fl-istess żmien ta' l-impożizzjoni ta' dazju *anti-dumping* definittiv fuq ossidi taż-żingu li joriġinaw mir-RPĊ. Kif iddikjarat fil-premessa (12), l-informazzjoni sottomessa mill-kumpanija dwar il-bejgħ ta' esportazzjonijiet lill-Komunità fil-perjodu analizzat u matul il-PI setgħu jiġu rrikonċiljati ma' l-importazzjonijiet reġistrati, kif murija mill-Eurostat. Instab li l-esportazzjonijiet lill-Komunità kienu destinati għal importatur wieħed fi Spanja.
- (22) Aktar minnhekk, instab li la l-ossidi taż-żingu mibjugħa minn JSC Kazzinc u lanqas materja prima għall-manifattura ta' dan il-prodott ma nxtrat mir-RPĊ. Fil-fatt, il-materjali kollha għall-produzzjoni ta' l-ossidi taż-żingu jiġu mill-prodizzjoni tal-faċilitajiet tal-produzzjoni tal-JSC Kazzinc stess. Għalhekk, ġie konkluż li l-kumpanija trid tiġi kkunsidrata bħala produttur ġenwin ta' l-ossidi taż-żingu.
- (23) L-investigazzjoni wriet ukoll li, għall-anqas mis-sena 2002 'il quddiem, il-JSC Kazzinc kienet fil-fatt kapaċi li waħedha tipproduċi l-kwantità ta' ossidi taż-żingu esportati mill-Każakistan lill-Komunità. F'dawn iċ-ċirkostanzi, huwa kkunsidrat li t-trasbord ta' l-ossidi taż-żingu li joriġinaw mir-RPĊ vija l-Każakistan ma seħx. Aktar minn hekk, skond id-*data* miġbura mill-Gvern Kazakh, l-importazzjonijiet ta' l-ossidi taż-żingu li daħlu fil-Każakistan mir-RPĊ, li bdew fl-2203 ammontaw għal 1.5 tunnellata u żdiedu għal 42 tunnellata fis-sena 2004.
- (24) Fuq il-bażi ta' dawn is-sejbiet, ġie konkluż li l-kumpanija, u għalhekk, il-Każakistan in ġenerali, wera li kien hemm bażi ekonomika raġonevoli, apparti l-impożizzjoni tad-dazju *anti-dumping* definittiv fuq importazzjonijiet ta' l-ossidi taż-żingu li joriġinaw mir-RPĊ, għall-bidla fil-konfigurazzjoni tal-kummerċ imsemmija taħt il-premessi (17) sa (20) hawn fuq.

C. TMIEM

- (25) Fid-dawl tas-sejbiet t'hawn fuq, jidher xieraq li l-investigazzjoni kurrenti dwar l-evażjoni tintemm. Ir-reġistrazzjoni ta' l-importazzjonijiet ta' l-ossidi taż-żingu kkunsinnati mill-Każakistan introdtti bir-Regolament ta' bidu għandhom għalhekk jitwaqqfu, u r-Regolament għandu għalhekk jiġi revokat.
- (26) Il-partijiet interessati kienu informati bil-fatti essenzjali u l-kunsiderazzjonijiet li fuq il-bażi tagħhom il-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li ttemm l-investigazzjoni u ngħataw l-opportunità li jikkumentaw. L-ebda wieħed mill-kummenti li waslu ma kienu ta' natura li jibdlu l-konklużjonijiet imsemmija hawn fuq.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-investigazzjoni mibdija mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1289/2005 rigward il-possibiltà li kien hemm ħrib mill-miżuri *anti-dumping* imposti mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 408/2002 dwar l-importazzjoni ta' ċerti ossidi taż-żingu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina b'importazzjoni ta' ċerti ossidi taż-żingu kkunsinnati mill-Każakistan, kemm jekk iddikjarati li joriġinaw mill-Każakistan jew le, u jagħmel tali importazzjoni suġġetta għar-reġistrazzjoni huwa b'dan mitmum.

Artikolu 2

L-awtoritajiet doganali huma b'dan mitluba biex iwaqqfu r-reġistrazzjoni ta' l-importazzjonijiet stabbiliti b'konformità ma' l-Artikolu 2 tar-Regolament (KE) Nru 1289/2005.

Artikolu 3

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru. 1289/2005 huwa hawnhekk imħassar.

Artikolu 4

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, nhar l-21 ta' Marzu 2006.

Għall-Kummissjoni
Peter MANDELSON
Membru tal-Kummissjoni